Nru./No. 21,407
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 17 ta' Marzu, 2025
Monday, 17th March, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 3665
Government Notices *3665*

Avviżi tal-Pulizija 3666
Police Notices *3666*

Avviżi tal-Qorti ..... 3666 - 3668
Court Notices ..... *3666 - 3668*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 440

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru VII tal-2025 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jemenda Liġijiet Varji relatati mad-Droga.

Is-17 ta' Marzu, 2025

Nru. 441

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Ħatra tal-Membri tal-Kunsill tal-Malta Libraries

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali approva l-ħatra tas-Sa Margaret Callus bħala segretarja tal-Kunsill tal-Malta Libraries.

Din il-ħatra hija b'seħħ mill-4 ta' Marzu, 2025 sat-12 ta' Ġunju, 2025.

It-13 ta' Marzu, 2025

Nru. 442

BORD GĦAR-REVIŻJONI TAL-GĦOTJIET

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Finanzi fuq il-parir tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal (MSPC), ħatar lil dawn il-persuni fuq il-Bordijiet għar-Reviżjoni tal-Għotjiet kif ġejjin skont l-Iskemi ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta tat-3 ta' Mejju, 2024:

Bord għar-Reviżjoni tal-Għotjiet (MSPC)

Chairperson
Is-Sur Anton Cesare

Membri
Is-Sur Joseph M. Saliba
Is-Sur Charles Cilia

Segretarju
Is-Sur Martin Buhagiar

Dawn il-ħatriet huma validi għall-perijodu ta' sena b'seħħ mit-13 ta' Marzu, 2025.

Is-17 ta' Marzu, 2025

GOVERNMENT NOTICES

No. 440

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. VII of 2025 entitled the Various Laws relating to Drugs (Amendment) Act, 2025.

17th March, 2025

No. 441

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Members of the Malta Libraries Council

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the appointment of Ms Margaret Callus as secretary of the Malta Libraries Council.

This appointment is with effect from the 4th March, 2025 until the 12th June, 2025.

13th March, 2025

No. 442

GRANT REVIEW BOARD

IT is notified for general information that the Minister for Finance on the recommendation of the Ministry for Social Policy and Children's Rights (MSPC), has appointed these persons on the following Grant Review Boards to Schemes published in the Malta Government Gazette of 3rd May, 2024:

Grant Review Board (MSPC)

Chairperson
Mr Anton Cesare

Members
Mr Joseph M. Saliba
Mr Charles Cilia

Secretary
Mr Martin Buhagiar

These appointments are valid for a period of one year with effect from 13th March, 2025.

17th March, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 55

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Marsaskala

Nhar il-Ħadd, 13 ta' April, 2025, mit-8.30 p.m. sad-9.30 p.m., minn Pjazza Dun Tarċis Agius, Triq La Sengle, Triq il-Knisja, Triq San Ġwakkin, u Triq Dun Frans Bianco.

It-trasport pubbliku se jieqaf mit-8.30 a.m. sad-9.30 a.m. mit-toroq imsemmija.

Raħal Ġdid

Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' April, 2025, mill-4.00 p.m. sat-8.30 p.m., mill-Bażilika ta' Kristu Re, Triq l-Arkata sal-knisja ta' Sant'Ubaldeska, u Triq Ninu Cremona,

It-trasport pubbliku se jiġi devjat skont il-bżonn mill-4.00 p.m. sat-8.00 p.m.;

Nhar il-Ħadd, 13 ta' April, 2025, mis-6.30 a.m. sal-10.30 a.m., mill-Bażilika ta' Kristu Re, Triq l-Arkata sal-knisja ta' Sant'Ubaldeska, u Triq Ninu Cremona,

It-trasport pubbliku se jiġi devjat skont il-bżonn mit-8.00 a.m. sal-10.30 a.m.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-17 ta' Marzu, 2025

POLICE NOTICE

No. 55

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Marsaskala

On Sunday, 13th April, 2025, from 8.30 p.m. to 9.30 p.m., through Pjazza Dun Tarċis Agius, Triq La Sengle, Triq il-Knisja, Triq San Ġwakkin, and Triq Dun Frans Bianco.

Public transport will stop from 8.30 a.m. to 9.30 a.m. through the mentioned streets.

Paola

On Friday, 11th April, 2025, from 4.00 p.m. to 8.30 p.m., through Christ the King Basilica, Triq l-Arkata till Saint Ubaldeska's church, and Triq Ninu Cremona,

Public transport will be diverted as required from 4.00 p.m. to 8.00 p.m.;

On Sunday, 13th April, 2025, from 6.30 a.m. to 10.30 a.m., through Christ the King Basilica, Triq l-Arkata till Saint Ubaldeska's church, and Triq Ninu Cremona,

Public transport will be diverted as required from 8.00 a.m. to 10.30 a.m.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

17th March, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

696

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-21 ta' Ottubru, 2024, Rikors numru 242/2015/1, minn Maria Assunta Stivala et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Maria Assunta Stivala u Josephine Abela, ħut id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull waħda minnhom is-successjoni ta' Judith Spiteri, xebba, bint il-mejtin Emanuel Spiteri u Emanuela née Attard, imwielda Tal-Pietà, Malta,

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 21st October, 2024, Application number 242/2015/1, by Maria Asunta Stivala et, whereby they requested that it be declared open in favour of Maria Assunta Stivala and Josephine Abela, sisters of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share each one of them the succession of Judith Spiteri, unmarried, daughter of the late Emanuel Spiteri and Emanuela née

kienet residenti Birżebbuġa, Malta u mietet l-Imsida, Malta, fil-31 ta' Mejju, 2024, ta' 61 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0651862M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 13 ta' Marzu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Attard, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Birżebbuġa, Malta and died in Msida, Malta on the 31st May, 2024, aged 61 and who held identity card number 0651862M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 13th March, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

697

Permezz ta' digriet mogħti fil-14 ta' Jannar, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors numru 213/2024AGV fl-ismijiet Chantelle Marie Barbaro Sant pro et noe vs Carmelo Borg, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Carmelo Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Chantelle Marie Barbaro Sant (KI 285883M) f'isimha proprju u għan-nom u fl-interess tal-minuri [omissis] vs Carmelo Borg (KI 0338677M) fl-atti tar-Rikors numru 213/2024AGV, ppreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fil-25 ta' Ottubru 2024, ir-rikorrenti Chantelle Marie Barbaro Sant (KI 285883M) f'isimha proprju għan-nom u fl-interess tal-minuri [omissis] talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri [omissis], kif ukoll tordna li s-setgħa tal-ġenitur tal-minuri tkun fdata esklussivament f'idejn l-omm, b'dan illi l-minuri jkompli jirrisjedi mal-omm li tkun tista' tieħu d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u ċjoè dawk ta' edukazzjoni, saħħa fisika u mentali tal-minuri, deċiżjonijiet dwar il-ħruġ o meno ta' passaport, tiġdid tal-istess, kif ukoll l-awtorizzazzjoni sabiex waħedha tiġbor il-passaporti tal-minuri mill-uffiċċju tal-passaporti. Inoltre tiġi awtorizzata sabiex tieħu d-deċiżjonijiet dwar attivitajiet ekstrakurrikulari, esklussivament waħidha mingħajr ħtieġa tal-firma jew awtorizzazzjoni tal-konvenut;

2. Tillikwida u tiffissa ammont adegwat ta' manteniment għall-minuri u dan sakemm l-istess jagħlaq it-tmintax-il (18) sena jekk jiddeċiedi li jieqaf mill-istudju u jibda

By means of a decree of the 14th January, 2025, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Chantelle Marie Barbaro Sant pro et noe vs Carmelo Borg, Application number 213/2024AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Carmelo Borg in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the application Number 213/2024AGV in the names Chantelle Marie Barbaro Sant (ID 28583M) in her own name and for and on behalf and in the interest of the minor [omissis] Carmelo Borg (ID 0338677M) filed in the Civil Court (Family Section), on the 25th October, 2024, the applicant Chantelle Marie Barbaro Sant (ID 285883M) in her own name and for and on behalf and in the interest of the minor [omissis] requested this Honourable Court to:

1. Order that the care and custody of the minor [omissis] as well as the parental authority be entrusted exclusively to the mother, provided that the minor continues to reside with the mother who can take all decisions regarding the minor, both those of an ordinary nature and those of an extraordinary nature and namely those of education, mental and physical health of the minor, decisions on the issue of a passport, the renewal of the same, as well as the authorisation to collect the minors' passports from the passport office alone. In addition, she is to be also authorised to take decisions regarding extracurricular activities, exclusively on her own without the necessity of the signature or authorisation of the defendant;

2. Liquidate and fix an adequate amount of maintenance for the minor until the same reaches eighteen (18) years if he decides to stop studying and start working on a full-time

jaħdem fuq bażi full-time jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċiedi li jibqa' jistudja fuq bażi full-time, konsegwentement tordna lill-konvenut sabiex iħallas il-manteniment hekk kif likwidat, b'dan il-modalitajiet kollha tal-pagamenti, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja u li l-esponent tirċievi kwalunkwe benefiċċji tat-tfal, inkluż imma mhux limitat iċ-children's allowance fl-intier tiegħu;

3. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas arretrati ta' manteniment għal minuiri [omissis] kif ukoll arretrati relatati ma' spejjeż inkorsi għas-saħħa, edukazzjoni u kwalunkwe attivitajiet ekstrakurrikulari;

4. Tordna li l-konvenut iħallas nofs l-ispejjeż kollha ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet ekstrakurrikulari sakemm il-minuri [omissis] ikun għadu qiegħed jistudja, inkluż iżda mhux limitatament, uniformijiet, trasport, donations, stationary, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet ekstrakurrikulari tal-minuri. Fin-nuqqas, tordna li dawn l-ispejjeż ikunu riflessi fl-ammont ta' manteniment;

5. Tordna li kwalsijasi manteniment li se jiġi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti għandu jitħallas f'lump sum payment, sabiex jiġi evitat eventwali nuqqas ta' manteniment mill-konvenut;

6. Tagħti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri [omissis] fosthom, iżda mhux limitatment, dwar kif għandu jinżamm mill-esponenti u li jiġi mġedded mill-esponenti mingħajr il-kunsens tal-konvenut u dan taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-proċeduri ta' medjazzjoni kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt insubizzjoni.

Il-kawża fl-ismijiet Chantelle Marie Barbaro Sant pro et noe vs Carmelo Borg (Rikors numru 213/2024AGV) hija differita għat-2 ta' April, 2025, fid-9.00 a.m.

Rikorrenti: Alley 1, No. 8, Museum Road, Ir-Rabat, Malta

Intimat: 105, Reyosa, Vjal il-Ħaddiema, Ir-Rabat, Malta

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 14 ta' Marzu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

basis or up to twenty-three (23) years if the minor decides to continue studying on a full-time basis, consequently order the defendant to pay the maintenance as liquidated, with all these modalities of payments, including provision for the periodic increase to compensate for the cost of living and that the applicant receives any child benefits, including but not limited to the children's allowance in its entirety;

3. Order the defendant to pay maintenance arrears for the minor [omissis] as well as arrears related to expenses incurred for health, education and any extra-curricular activities;

4. Order that the defendant pays half of all health, education and extra-curricular expenses as long as the minor [omissis] is still studying, including but not limitedly, uniforms, transport, donations, stationary, private lessons and any other expenses related to education, including expenses related to extra-curricular activities of the minor. In default, order that these expenses be reflected in the amount of maintenance;

5. Order that any maintenance which shall be liquidated by this Honourable Court be paid in lump sum payment, in order to avoid any default in the payment of maintenance by the defendant;

6. Give those appropriate and opportune directions which concern the minor [omissis] amongst them, but not limitedly, as to how he is to be held by the applicant and about the renewal by the applicant without the consent of the defendant and this under any appropriate and opportune provisions which this Honourable Court deems fit to give.

With all costs, including those of the mediation procedures against the defendant who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

The application in the names Chantelle Marie Barbaro Sant pro et noe vs Carmelo Borg, Application number 213/2024AGV, has been postponed for hearing to the 2nd April, 2025, at 9.00 a.m.

Applicant: Alley 1, No. 8, Museum Road, Rabat, Malta

Respondent: 105, Reyosa, Vjal il-Ħaddiema, Rabat, Malta

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 14th March, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603